**22 ta' April, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Antonio Cremona

**"Ragion Fattasi" — Art. 84 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat ta' "ragion fattasi" hija ntiża biex il-privat, li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal dik tat-tribunali, meta jista' jirrikorri lejhom. Hi ġusta jew le l-pretensjoni tiegħu, hu ma jistgħax minn rajh jeżerċita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li għandu.*

*Hekk, jekk wieħed jidħol f'soċjetà u jikri lil dik is-soċjetà xi fondi, u mbagħad, wara żmien, ma jibqgħax soċju, u jkun hemm kwistjoni bejnu u s-soċi l-oħra dwar l-inkwilinat ta' dawk il-fondi sakemm ma tkunx saret likwidazzjoni definittiva tas-soċjetà, u sakemm jibqa' kontestat id-dritt tal-inkwilinat, huwa ma jistgħax jieħu pussess b'idejh, u kontra l-volontà tas-soċi l-oħra, ta' dawk il-fondi, mingħajr ma jinkorri s-sanzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta Antonio Cremona, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Diċembru 1960, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellant kien ġie misjub ħati illi, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Dolores Ellul fil-pussess ta' maħżen; u li biha ġie kundannat għall-multa ta' £5, bi żmien tliet xhur minn dak inhar tas-sentenza biex ineħħi l-inkonvenjent li bih fixkel il-pussess ta' Dolores Ellul fil-maħżen in kwistjoni, jew iressaq quddiem il-Qorti kompetenti l-pretensjonijiet tiegħu, u dan taħt penali ta' 5s għall kull ġurnata ta' nuqqas;

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

Dolores Ellul u żewġha kienu jinnegozjaw taħt l-isem soċjali "The Colonial and Dominion Trading Company". Fl-1945 riedu jinnegozjaw fil-metalli, u għal dan l-oġġett daħħlu magħhom, mingħajr skrittura, lill-appellant, u ftehmu miegħu li hu jieħu 40% mill-profitti, wara li jinqatgħu l-ispejjeż. L-appellanti kera lid-ditta ħames imħażen u tliet btieħi f'Ħal-Luqa, li kienu jservu għad-depożitu tal-metalli. Fl-1954 l-appellant ma baqgħax mad-ditta, però likwidazzjoni definittiva bejnu u Ellul għadha ma saretx. Hemm bejniethom kwistjoni dwar l-inkwilinat tal-imħażen, u fl-iskrittura tal-25 ta' Novembru 1955 (dok. B8), li saret bejn Renato Ellul, żewġ Dolores Ellul, u l-appellant, dwar il-bejgħ ta' parti mill-metalli, ġie miftiehem li jibqa' impreġudikat "kull dritt tal-partijiet in konnessjoni mal-kwistjoni ta' min huwa jew għandu jkun l-inkwilinat illi l-lum jinsab kontestat bejn il-partijiet";

Jirriżulta illi minħabba dik il-kwistjoni l-gwardjan tal-imħażen ġie istruwit illi ma jħalli lil ħadd mill-kontendenti jidħol fl-imħażen. Safrattant dan l-aħħar l-appellanti talab iċ-ċwievet lill-gwardjan, u f'wieħed mill-imħażen daħħal xi mobilja tiegħu, mingħajr il-kunsens ta' Dolores Ellul jew ta' żewġha, u anzi meta, kif huwa stess xehed, huwa kien jaf li hi ma tridx;

L-appellant għamel dan għax jippretendi illi huwa għandu dritt fuq l-inkwilinat ta' dawk l-ambjenti, billi kien soċju mad-ditta fuq imsemmija u kien jikkontribwixxi għall-ħlas tal-kera tal-artijiet, fosthom il-maħżen in kwistjoni;

Jidher mill-premess illi bl-aġir tiegħu l-appellant kiser id-dispożizzjoni tal-art. 84 tal-Kodiċi Kriminali, li hija intiża biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal dik tat-tribunal, meta jista' jirrikorri lejhom. Infatti, l-appellant biex jeżerċita d-dritt li jippretendi li għandu dwar l-inkwilinat in kwistjoni, fixkel lil Dolores Ellul fil-pussess tal-maħżen fejn hu qiegħed

il-mobbli kontra r-rieda tagħha. Hija ġusta jew le il-pretensjoni tal-appellant dwar l-inkwilinat, huwa ma setgħax minn rajh jeżerċita d-drittijiet tiegħu, li jippretendi li hu għandu fuq dawk l-artijiet. Apparti illi, in forza tal-lokazzjoni ta' dawk l-artijiet lid-ditta ta' Dolores Ellul u żewġha, il-pussess tal-istess artijiet jinsab f'idejhom, aktar u aktar meta l-appellanti ħareġ minn mad-ditta, u apparti illi l-istess appellant irrikonoxxa illi dawk l-artijiet huma f'idejn l-istess ditta, meta fl-ittra tiegħu (dok. B9) huwa sejħilhom "your scrap grounds and stores", jibqa', bl-arranġament li kien sar illi ħadd ma jidħol fl-imħażen, illi, anki kieku l-appellant kellu jitqies li kien, hu wkoll, fil-pussess tal-imħażen, anki Dolores Ellul kienet fil-pussess tagħhom, b'dan illi, hija wkoll, ma setgħetx tagħmel użu minnhom. Hekk l-appellant iddisturba dak il-pussess ta' Ellul minn rajh flok li rrikorra, kif seta' jagħmel, lejn it-tribunali għad-difinizzjoni tal-pretensjonijiet tiegħu;

Għalhekk jikkonkorru l-elementi tar-reat li tiegħu l-appellant ġie misjub ħati. Il-kondotta tal-appellant, però, u ċ-ċirkustanza tal-każ, jissuġġerixxu l-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi;

Tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati u fejn ġie lilu mogħti żmien tliet xhur biex ineħħi l-inkonvenjent li bih fixkel il-pussess ta' Dolores Ellul, jew iressaq quddiem il-Qorti kompetenti l-pretensjonijiet tiegħu, taħt penali ta' 5s. għal kull ġurnata ta' nuqqas, skond l-art. 389(3) tal-Kodiċi Kriminali; u t-terminu għandu jibda jgħaddi mil-lum;

Tirrevoka l-istess sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għall-multa ta' £5;

Tiddikjara lill-appellant ħati illi, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, huwa fixkel lil Dolores Ellul fil-pussess tal-maħżen, fit-termini tal-art. 84 tal-Kodiċi Kriminali;

**U tillibera lill-appellant taħt il-provvedimenti tal-art. 23(1)(a)(8)(d) tal-Kodiċi Kriminali.**